

Brussell, 17 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7149/25

FIN 312
INST 70
PE-L 13

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru V/DEC-01/T/25 fit-Taqsima V - Qorti Ewropea tal-Awdituri - tal-baġit ġenerali għall-2025 – <i>Approvazzjoni</i> – <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

1. Fis-7 ta' Marzu 2025, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru V/DEC-01/T/25, f'konformità mal-Artikolu 31 u 49 tar-Regolament Finanzjarju¹.
2. L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment mill-Kapitolu 10 0 (*Approprjazzjonijiet proviżorji*) ta' ammont ta' EUR 520 000 għall-Partita 1 2 0 0 (*Remunerazzjonijiet u allowances*) u ammont ta' EUR 280 000 għas-Subpartita 1 4 0 0-06 (*Ħaddiema b'kuntratt*).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).

Ammont ta' EUR 800 000 ingħata mill-awtorità baġitarja fil-baġit tal-2025 biex ikopri l-allowance temporanja tad-Djar li għandha tiffallas lil xi kategoriji ta' membri tal-persunal residenti fil-Lussemburgu, bl-għan li tikkumpensa parzjalment għall-għoli tal-ħajja tal-Lussemburgu. L-ammont iddaħħal taħt it-titolu "provvedimenti" tat-taqsimi tal-baġit tal-QEA, bil-ħsieb li jiġi ttrasferit għal-linji baġitarji rispettivi wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni interna.

Fid-19 ta' Diċembru 2024, is-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri adotta d-Deċiżjoni Nru 76-2024 li tistabbilixxi allowance tal-akkomodazzjoni għal ċerti membri tal-persunal li jservu fil-Lussemburgu, bid-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025. Id-Deċiżjoni hija bbażata fuq il-mudell komuni miftiehem bejn l-istituzzjonijiet parteċipanti kollha.

Sabiex tkun f'pożizzjoni li tonora l-obbligu legali tagħha, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri titlob trasferiment ta' approprjazzjonijiet biex issaħħaħ il-Partita u s-Subpartita ta' hawn fuq.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Marzu 2025.
4. Wara l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost;
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal dan il-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill

lil : Il-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

kopja: Il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024¹, qed ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru V/DEC-01/T/25 fit-Taqsima V - Qorti Ewropea tal-Awdituri - tal-baġit ġenerali għall-2025.

(Formola ta' għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).